Nru. 17,766
Prezz Lm1.92c
Price Lm1.92c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 13 ta' Mejju, 2005
Friday, 13th May, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 476

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

ATT Nru. V ta' l-2005 imsejjaħ l-Att ta' l-2005 dwar Arkivji Nazzjonali.

It-13 ta' Mejju, 2005

Nru. 477

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 45 imsejjaħ l-Att ta' l-2005 dwar il-Vjolenza Domestika.

It-13 ta' Mejju, 2005

Nru. 478

IL-PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi nhar it-Tlieta, id-9 ta' Mejju, 2005 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 468 tat-8 ta' Mejju, 2005 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

L-10 ta' Mejju, 2005
(OPM 1/2005)

GOVERNMENT NOTICES

No. 476

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

ACT No. V of 2005 entitled the National Archives Act, 2005.

13th May, 2005

No. 477

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 45 entitled the Domestic Violence Act, 2005.

13th May, 2005

No. 478

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed the duties as Prime Minister and Minister of Finance on Tuesday, 9th May, 2005 and that the arrangements made by Government Notice No. 468 of the 8th May, 2005, ceased to have effect accordingly.

10th May, 2005

Nru. 479

AĠENT PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Tonio Borg, LL.D., M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi b'seħħ minn nhar il-Ġimgħa, it-13 ta' Mejju, 2005, matul l-assenza ta' l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

It-13 ta' Mejju, 2005
(OPM 1/2005)

No. 479

ACTING PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister and Minister of Finance, the President of Malta has directed that the Hon. Tonio Borg, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister of Justice and Home Affairs, assumes the additional duties of Prime Minister and Minister of Finance with effect from Friday, 13th May, 2005, during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

13th May, 2005

Nru. 480

ATT TA' L-1992 DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP

Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 13 (1A) (a) u (b) ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi ħatar lill-persuni li ġejjin biex jagħmlu parti mill-Fergħat tal-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp għal perijodu ta' tliet snin kif jidher hawn taħt:–

Fergħa A

Membri
Is-Sur Charles Calleja, b'seħħ mit-22 ta' April, 2005
Is-Sur Philip Azzopardi, B.E.&A (Hons), A& C.E., b'seħħ mit-18 ta' April, 2005.

Fergħa B

Chairperson
Ms Mariella Axisa, B.E.&A (Hons), A& C.E., b'seħħ mit-18 ta' April, 2005.

Membr
Is-Sur Patrick Calleja, b'seħħ mit-18 ta' April, 2005.

Fergħa C

Chairperson
Is-Sur Norbert Gatt, B.E.&A (Hons), b'seħħ mit-18 ta' April, 2005.

Membri
Ms Joanna Spiteri Staines, A& C.E., b'seħħ mit-18 ta' April, 2005.
Is-Sur Claude Muscat, b'seħħ mit-18 ta' April, 2005.

It-13 ta' Mejju, 2005

No. 480

DEVELOPMENT PLANNING ACT 1992

Development Control Commission

IT is notified for general information that in exercise of the powers conferred by articles 13 (1A) (a) and (b) of the Development Planning Act, 1992, the Prime Minister and Minister of Finance has appointed the following persons to form part of the Divisions of the Development Control Commission for a period of three years as indicated below:–

Division A

Members
Mr Charles Calleja, with effect from 22nd April, 2005
Mr Philip Azzopardi, B.E.&A (Hons), A& C.E., with effect from 18th April, 2005

Division B

Chairperson
Ms Mariella Axisa, B.E.&A (Hons), A& C.E., with effect from 18th April, 2005

Members
Mr Patrick Calleja, with effect from 18th April, 2005

Division C

Chairperson
Mr Norbert Gatt, B.E.&A (Hons), with effect from 18th April, 2005

Members
Ms Joanna Spiteri Staines, A& C.E., with effect from 18th April, 2005
Mr Claude Muscat, with effect from 18th April, 2005

13th May, 2005

Nru. 481

ATT TA' L-1992 DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP

Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 13 (1A) (c) ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ħatret lill-persuni li ġejjin biex jagħmlu parti mill-Fergħat tal-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp għal perijodu ta' tliet snin kif jidher hawn taħt:–

Fergħa B

Membri
Is-Sur Joe Spiteri Bailey, b'seħħ mit-22 ta' April, 2005

Fergħa C

Membri
Is-Sur Kenneth Zammit Endrich, B.E.&A (Hons), A& C.E. (Perit) b'seħħ mid-19 ta' April, 2005.
Is-Sur Joe Attard Tabone, b'seħħ mid-19 ta' April, 2005.

It-13 ta' Mejju, 2005

No. 481

DEVELOPMENT PLANNING ACT 1992

Development Control Commission

IT is notified for general information that in exercise of the powers conferred by articles 13 (1A) (c) of the Development Planning Act, 1992, the Malta Environment and Planning Authority has appointed the following persons to form part of the Divisions of the Development Control Commission for a period of three years as indicated below:–

Division B

Members
Mr Joe Spiteri Bailey, with effect from 22nd April, 2005

Division C

Members
Mr Kenneth Zammit Endrich, B.E.&A (Hons), A& C.E. (Architect), with effect from 19th April, 2005
Mr Joe Attard Tabone, with effect from 19th April, 2005

13th May, 2005

Nru. 482

ATT DWAR IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTIĠJANAT (KAP. 421)

Nomina ta' Membru dwar il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat

NGĦARRFU b'din illi, skond l-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat (Kap. 421), il-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni ħatar lis-Sur Charles Camilleri bħala membru tal-Kunsill Malti għall-Artiġjanat b'seħħ mis-17 ta' Marzu 2005 flok is-Sur Robert Laurenti li rriżenja.

It-13 ta' Mejju, 2005

No. 482

MALTA CRAFTS COUNCIL ACT (CAP. 421)

Appointment of Member of the Malta Crafts Council

IT is hereby notified that in terms of section 4 of the Malta Crafts Council Act (Cap. 421), the Minister for Competitiveness and Communications has approved the appointment of Mr Charles Camilleri as member of the Malta Crafts Council with effect from 17th March 2005 instead of Mr Robert Laurenti who has resigned.

13th May, 2005

Nru. 483

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSJUNARJI B'SETGĦA LI JAGĦTU ĠURAMENT

(Kap. 79)

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'Setgħa li jagħtu Ġurament, l-Avukat Ġenerali nnomina lin-Nutar Malcolm Mangion ta' "Carm Ville", Triq id-Dokkiena, Luqa, lin-Nutar Adriana Vella ta' "Mediterranea", Triq it-Timu, Iklin, lin-Nutar Anne Marie Tonna ta' "Wild Thyme" Fl 1, Triq il-Ħtajriet, Mosta, lin-Nutar Dorianne Arapa ta' "San Ġorġ", Triq San Ġwakkin, Qormi, lin-Nutar Diana Charles ta' 4, St. Rita, Triq Ġwann Zammit, Safi, lin-Nutar Roberta Brincat ta' 124, "Campanella", Triq Leli Falzon, Naxxar, lin-Nutar Christine Borg ta' 17, Utopja, Triq Ħal Bordi, Lija, lin-Nutar Rosalyn Attard ta' 40A, Triq il-Qalb Imqaddsa, San Ġiljan, lin-Nutar Thea Cachia ta' 17, "Verde Mare", Flat 5, Triq il-Wiżna, Ibraġ, Swieqi, lin-Nutar Graziella Farrugia ta' "Mystic Rose", Triq M. Perez D'Aleccio, Żurrieq, lin-Nutar Claire Camilleri ta' 6A, Triq Feliċ Borg, San Ġwann, lin-Nutar Speranza Fenech ta' "Casa Fenech", Transfiguration Square, Lija, lin-Nutar Robert Aquilina ta' 93, "Hanini", Triq it-Tabib Nikol Zammit, Siġġiewi, lin-NutarMark Cutajar ta' 21, "PaulPhyl", Cavallerizza Road, Marsaxlokk ZTN 10, lin-Nutar Clarissa Cuschieri ta' 24, Il-Piazzetta, Tower Road, Sliema, lin-Nutar Robert Micallef ta' "St Joseph", Ġnien Fieres, Rabat RBT 03, lin-Nutar Philip Lanfranco ta' 15, Triq il-Palazz Capua, Sliema u lin-Nutar Miriam Musumeci Macelli ta' 4, Triq il-Kbira, Attard sabiex ikunu Kummissjunarji b'Setgħa li jagħtu Ġurament.

It-13 ta' Mejju, 2005

No. 483

COMMISSIONER FOR OATHS ORDINANCE

(Cap. 79)

IT is hereby notified that in virtue of subsection (4) of article 3 of the Commissioner for Oaths Ordinance, the Attorney General has nominated Notary Malcolm Mangion of "Carm Ville", Triq id-Dokkiena, Luqa, Notary Adriana Vella of "Mediterranea", Triq it-Timu, Iklin, Notary Anne Marie Tonna of "Wild Thyme" Fl 1, Triq il-Ħtajriet, Mosta, Notary Dorianne Arapa of "San Ġorġ", Triq San Ġwakkin, Qormi, Notary Diana Charles of 4, St. Rita, Triq Ġwann Zammit, Safi, Notary Roberta Brincat of 124, "Campanella", Triq Leli Falzon, Naxxar, Notary Christine Borg of 17, Utopja, Triq Ħal Bordi, Lija, Notary Rosalyn Attard of 40A, Triq il-Qalb Imqaddsa, San Ġiljan, Notary Thea Cachia of 17, "Verde Mare", Flat 5, Triq il-Wiżna, Ibraġ, Swieqi, Notary Graziella Farrugia of "Mystic Rose", Triq M. Perez D'Aleccio, Żurrieq, Notary Claire Camilleri of 6A, Triq Feliċ Borg, San Ġwann, Notary Speranza Fenech of "Casa Fenech", Transfiguration Square, Lija, Notary Robert Aquilina of 93, "Hanini", Triq it-Tabib Nikol Zammit, Siġġiewi, Notary Mark Cutajar of 21, "PaulPhyl", Cavallerizza Road, Marsaxlokk ZTN 10, Notary Clarissa Cuschieri of 24, Il-Piazzetta, Tower Road, Sliema, Notary Robert Micallef of "St Joseph", Ġnien Fieres, Rabat RBT 03, Notary Philip Lanfranco of 15, Triq il-Palazz Capua, Sliema and Notary Miriam Musumeci Macelli of 4, Triq il-Kbira, Attard to be Commissioner for Oaths.

13th May, 2005

Nru. 484

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL- ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna ta' l-Argotti

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-setgħa mogħtija lilu bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar is-Sibt, il-21 ta' Mejju 2005, il-Ġonna ta' l-Argotti fil-Furjana, mill-4.00 p.m. 'il quddiem, jkunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll tal-Living Waters Mission Team.

It-13 ta' Mejju, 2005

No. 484

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Argotti Gardens

IT is notified for general information that as enabled by section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Ministry for Rural Affairs and the Environment has approved that on Saturday, 21st May 2005, from 4.00 p.m. onwards, the Argotti Gardens at Floriana will be closed to the general public and will be under the control of Living Waters Mission Team.

13th May, 2005

Nru. 485

ORDINANZA DWAR L-GĦELUQ TA' ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna ta' l-Argotti

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li minn nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Mejju 2005 sa nhar il-Ħadd, id-29 ta' Mejju 2005, mis-6.00 p.m. 'il quddiem, il-Ġonna ta' l-Argotti, jkunu taħt il-kontroll tal-Kunsill Malti tal-Kultura u l-Arti.

It-13 ta' Mejju, 2005

No. 485

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Argotti Gardens

IT is notified for general information that as enabled by section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Ministry for Rural Affairs and the Environment has approved that from Friday, 27th May 2005 to Sunday 29th May 2005, from 6.00 p.m. onwards, the Argotti Gardens will be under the control of The Malta Council for Culture and the Arts.

13th May, 2005

Nru. 486

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Isfel

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-setgħa mogħtija lilu bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34), il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar is-Sibt, l-14 ta' Mejju 2005, mill-4.00 p.m. 'il quddiem l-użu tal-Ġonna tal-Barrakka ta' Isfel, jkunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll ta' Studenti Demokristjani Maltin.

It-13 ta' Mejju, 2005

No. 486

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Lower Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Ministry for Rural Affairs and the Environment has approved that on Saturday, 14th May 2005, from 4.00 p.m. onwards the Lower Barrakka Gardens will be closed to the general public and will be under the control of Studenti Demokristjani Maltin.

13th May, 2005

Nru. 487

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ

SKOND id-disposizzjoniiet tar-regolament 34 (5) tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni Liċenzji tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika dan il-ħanut tal-merċa li jinsab f'Marsalforn, Għawdex li jista' jiftaħ fil-Ħdud u l-festi pubbliċi bejn Mejju u Ottubru 2005. Id-Diviżjoni għall-Kummerċ iżżomm id-dritt li fil-futur tibdel il-kundizzjonijiet ta' dan il-permess skond ir-regolamenti 34 (4) u (5) tar-regolamenti hawn fuq imsemmija.

Numru ta' Referenza
Reference Number

CD/3218/2005 Pt 17

Indirizz tal-Post Kummerċjali
Address of Commercial Premises

Il-Maħżen Supermarket
Qbajjar Road, Marsalforn
Gozo

It-13 ta' Mejju, 2005

No. 487

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

ACCORDING to the provisions of regulation 34 (5) of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing the following grocer located at Marsalforn, Gozo which is to open during Sundays and other public holidays between May and October 2005. The Commerce Division reserves the right in future to change the conditions of this permit according to regulations 34 (4) and (5) of the above regulation.

13th May, 2005

Nru. 488

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Eżenzjoni minn Thejjija ta' Dikjarazzjoni dwar l-Ippjanar ta' l-Ambjent

B'KONFORMITÀ mar-regolament 3(8) fil-Parti II ta' l-Avviż Legali Nru. 204 ta' l-2001 rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba l-fatt illi l-MEPA għandha tgħarrif biżżejjed biex tieħu deċiżjoni fuq din l-Applikazzjoni, id-Direttur ta' l-Ippjanar, bi ftehim mad-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent, jaqbel li jeżenta l-applikant milli jħejji Dikjarazzjoni dwar l-Impatt ta' l-Ambjent.

Minkejja dan l-imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissosttometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

No. 488

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Exemption from Preparing an Environmental Planning Statement

IN conformity with Part II provision 3 (8) of Legal Notice No. 204 of 2001 in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has sufficient information to take a decision on this application, the Director of Planning, in agreement with the Director of Environment Protection, agree to exempt the applicant from preparing an Environmental Planning Statement.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

PA 01659/04 *To erect 2 houses with pools at Triq Daleland, San Lawrenz, Gozo.*

It-13 ta' Mejju, 2005

13th May, 2005

Nru. 489

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

No. 489

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver Grams*
06. 05. 05	Lm4.64c2	8c6
09. 05. 05	Lm4.64c7	8c6
10. 05. 05	Lm4.63c7	8c7
11. 05. 05	Lm4.63c8	8c7
12. 05. 05	Lm4.66c7	8c7

It-13 ta' Mejju, 2005

13th May, 2005

Nru. 490

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI (ATT XV)

Il-Popolazzjoni Stmata għal kull Lokalità 31 ta' Marzu, 2005

GĦALL-FINI ta' l-artikolu 73 tat-Taqsima VII ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi qiegħed hawn taħt jagħti l-popolazzjoni ta' kull lokalità kif imfissra fl-Att:

	Lokalità u Kodiċi *Locality and Code*	Popolazzjoni *Population*
01	Valletta - Città Umilissima	7394
02	Mdina - Città Notabile	304
03	Birgu - Città Vittoriosa	2849
04	Isla - Città Invicta	3403
05	Bormla - Città Cospicua	6265
06	Qormi - Città Pinto	17344
07	Żebbuġ - Città Rohan	11453
08	Żabbar - Città Hompesch	15039
09	Siġġiewi - Città Ferdinand	7998
10	Żejtun - Città Beland	11713
11	Rabat - Città Vittoria	6827
12	Attard	9373
13	Balzan	3798
14	Birkirkara	22000
15	Birżebbuġa	8928
16	Dingli	3345
17	Fgura	11645
18	Floriana	2465
19	Fontana	928
20	Gudja	2954
21	Gżira	7523
22	Għajnsielem (u Kemmuna)	2967
23	Għarb	1349
24	Għargħur	2305
25	Għasri	509
26	Għaxaq	4470
27	Ħamrun	10259
28	Iklin	3128
29	Kalkara	3069
30	Kerċem	1796
31	Kirkop	2218
32	Lija	2669
33	Luqa	6208
34	Marsa	5514
35	Marsaskala	8823
36	Marsaxlokk	3180
37	Mellieħa	7732
38	Mġarr	3072
39	Mosta	18466
40	Mqabba	3086
41	Msida	7875
42	Munxar	1298
43	Nadur	4789
44	Naxxar	11604
45	Paola	8742
46	Pembroke	2674
47	Pietà	4157
48	Qala	1984
49	Qrendi	2530
50	Rabat	11974
51	Safi	1995
52	San Ġiljan	8066
53	San Ġwann	12501
54	San Lawrenz	689
55	San Pawl il-Baħar	14135
56	Sannat	2046
57	Santa Luċija	3344
58	Santa Venera	6721
59	Sliema	13881
60	Swieqi	7713
61	Ta' Xbiex	1843
62	Tarxien	8492
63	Xagħra	4711
64	Xewkija	3439
65	Xgħajra	1309
66	Żebbuġ	2560
67	Żurrieq	9908
68	Mtarfa	2188
	Totali /*Totals*	417536

Sors: Uffiċċju Elettorali u Dipartiment ta' Sigurtà Soċjali
Source: Electoral Office and Department of Social Security

No. 490

LOCAL COUNCILS ACT OF 1993 (ACT XV)

Estimated Population by Locality: 31st March, 2005

FOR the purpose of section 73 of Part VII of the Local Councils Act, 1993, the Prime Minister and Minister for Finance hereunder states the population estimates for each locality as defined in the Act:

Nru. 491

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAŻ-ŻABBAR

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artiklu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kapitolu 10), il-Ministru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien f'xi toroq f'Ħaż-Żabbar, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 491

RENUMBERING OF DOORS AT ŻABBAR

IN exercise of the powers conferred by Section 115 of the Code of Police Laws (Chapter 10), the Minister for Resources and Infrastructure has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned streets at Żabbar, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*
HAŻ-ŻABBAR

1 Triq San Ġużepp 2 Triq is-Selq

1. TRIQ SAN ĠUŻEPP

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Misraħ San Ġakbu

Left side entering from Misraħ San Ġakbu

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
1	1
Garage	3
5	5
Maria Concetta	7
8	9
House without number	11
12	13
13	15
House without number	17
15, Sant Antnin	19
16, Il-Bazaza	21
Garage	23
Garage	25
20	27
21	29
Garage	31
23	33
25	35
Garage	37
27, Josella	39
Side Door	41
28	43
House without number	45
29	47
30, Gray-Rod-Ant	49
31	51
Garage	53
33	55
House without number	57

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Misraħ San Ġakbu

Right side entering from Misraħ San Ġakbu

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
139	2
137	4
135, Madonna tal-Grazzja	6
134	8
133, George's House	10
118	12
House without number	14
116	16
House without number	18
House without number	20
House without number	22
111	24
110	26
House without number	28
107	30
106	32
105	34
House without number	36
102	38
100	40
Side Door (100)	42
97	44
94	46
93, Hidden Gem	48
92	50
91	52
90	54
89	56
88	58

House without number	59	87	60
35B	61	Side Door (87)	62
36	63	Garage	64
Anthony House	65	80	66
Garage	67	70	68
St. Rita	69	Garage	70
Garage	71	69	72
Peprina	73	Garage	74
May Flower	75	Garage	76
Giovanna House	77	Natale (Garage)	78
Empty Site	79-87	St. Michael	80
Green House	89	67	82
Garage	91	Garage	84
Moon House	93	65 (Travel Bureau)	86
Garage	95	64, Buganvilla	88
Glass House	97	Garage	90
Michtan	99	Garage	92
Isabelle	101	Marievic	94
Garage	103	Garage	96
Garage	105	Garage	98
The Mumbles	107	Garage	100
House without number	109	House without number	102
Empty Site	111-119	Garage	104
House without number	121	Villa Rosa	106
38	123	Immakulata	108
7, Pearl Rose	125	Troyclose House	110
Garage	127	Garage	112
Garage	129	Lilton	114
Garage	131	Garage	116
Renjo	133	Garage	118
Garage	135	Josson	120
Garage	137	Tyback	122
House without number	139	M. Bambina	124
Garage	141	Id-Dwejra	126
Fior Da Liso	143	Garage	128
Garage	145	Empty Site	130-136
Love Birds	147	Minne	138
Garage	149	Garage	140
Empty Site	151-173	House without number	142
House without number	175	Shop	144
42	177	Empty Site	146-148
44	179	Farmhouse without number	150
Empty Site	181-185	Empty Site	152-170
Garage	187	Garage	172
House without number	189	Garage	174
Jasmine	191	Garage	176
Quebec	193	Garage	178
Amethyst	195	Garage	180
Scorpions	197	Empty Site	182-220
Angeli	199	St. Rita	222
Kentia	201	House without number	224
47	203	Garage	226
House Gate	205	Garage	228
Garage	207	St. Mary	230
50	209	Dar il-Hena	232
Garage	211	Sant' Anna	234

House without number	213
Garage	215
Garage	217
Garage	219
Redentur House	221
Empty Site	223-261
53	263
Garage	236
Romana House	238
Garage	240
La Victoria	242
Garage	244
M.M. Grazzja	246
Garage	248
56	250
Garage	252

2. TRIQ IS-SELQ

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Bur

Left side entering from Triq il-Bur

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
Empty Site	1-15
Garage	17
Garage	19
Lavrita	21
Garage	23
Casa Santa Maria	25
Garage	27
House without number	29
Garages' Entrance	31
Marielour	33
Garage	35
Garage	37
Garage	39
Garage	41
Charton	43
Red Roses	45
Garage	47
Garage	49
Empty Site	51-57
Flats under construction	59
Garage	61
Garage	63
Garage	65
Angel	67
Garage	69
Garage	71
Żernieq	73
Summiena	75
Garage	77
Garage	79
Flats under construction	81
Garage	83
Swan	85

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Bur

Right side entering from Triq il-Bur

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garage	2
Garage	4
Menert	6
House without number	8
Garage	10
House under construction	12
Garage	14
Garage	16
Miklian	18
Bienvenue	20
Garage	22
Silver Shadow	24
Redentur	26
Garages' Entrance	28
Pinturicchio	30
Garage	32

Nru. 492

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIN-NAXXAR

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 629, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-20 ta' Lulju, 2001, taħt it-titolu 'Numri Ġodda ta' Bibien fin-Naxxar', għandhom isiru dawn l-emendi:

No. 492

RENUMBERING OF DOORS AT NAXXAR

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 629, published in Government Gazette dated 20th July, 2001, under the title of 'Renumbering of Doors at Naxxar', the following amendments should be made:

TRIQ LUQA BRIFFA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq San Pawl

Left side entering from Triq San Pawl

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
Fatima	31
25, Lourdes	33
John	35

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq San Pawl

Right side entering from Triq San Pawl

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*

Għandhom jinqraw

Should read

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
Fatima	31
Freestyle	33
House without number	33A
Garages' Entrance	33B
House without number	33C
John	35

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*

It-13 ta' Mejju, 2005

13th May, 2005

Nru. 493

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'SAN ĠWANN

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 564, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Lulju, 2000, taħt it-titolu 'Numri Ġodda ta' Bibien f'San Ġwann', għandhom isiru dawn l-emendi:

No. 493

RENUMBERING OF DOORS AT SAN ĠWANN

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 564, published in Government Gazette dated 11th July, 2000, under the title of 'Renumbering of Doors at San Ġwann', the following amendments should be made:

TRIQ IL-BATTALJUN

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn
Triq John F. Marks

Left side entering from Triq John F. Marks

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
Greenwich	19
Garage	21

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn
Triq John F. Marks

Right side entering from Triq John F. Marks

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garage	28

Għandhom jinqraw
Should read

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
Greenwich	19
Empty Site	21-23
Flats without number	25
Shop	27

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garage	28
Empty Site	30-32
Flats without number	34
Door without number	36

Nru. 494

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F' ĦAL KIRKOP

Korrezzjoni

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 359, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' April, 2005, taħt it-titolu 'Numri Ġodda ta' Bibien f'Hal Kirkop, għandha ssir din il-korrezzjoni:

No. 494

RENUMBERING OF DOORS AT KIRKOP

Correction

WITH reference to Government Notice No. 359, published in Government Gazette dated 8th April, 2005, under the title of 'Renumbering of Doors at Kirkop', the following correction should be made:

TRIQ IL-GĦASEL

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn
Triq San Luċinju

Left side entering from Triq San Luċinju

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn
Triq San Luċinju

Right side entering from Triq San Luċinju

Għandhom jinqraw
Should read

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq San Pietru	In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq San Pietru
Left side entering from Triq San Pietru	*Right side entering from Triq San Pietru*

It-13 ta' Mejju, 2005 — 13th May, 2005

Nru. 495

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'BIRKIRKARA

Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 630, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta' Awissu, 2000, taħt it-titolu 'Numri Ġodda ta' Bibien f'Birkirkara, għandu ssir dan il-prolungament:

No. 495

RENUMBERING OF DOORS AT BIRKIRKARA

Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 630, published in Government Gazette dated 3rd August, 2000, under the title of 'Renumbering of Doors at Birkirkara', the following prolongation should be made:

TRIQ ĠORĠ BORG

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Pjazza l-Eroj		In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Pjazza l-Eroj	
Left side entering from Pjazza l-Eroj		*Right side entering from Pjazza l-Eroj*	
Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garage	33		
Garage	35		
Flats without number	37		
Flats without number	39		
Garage	41		
Garage	43		
Garage	45		
Garage	47		
Garage	49		
Garage	51		
Sirius (Flats)	53		
Muse (Flats)	55		
Garage	57		
House without number	59		

It-13 ta' Mejju, 2005 — 13th May, 2005

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 36

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-data u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat (Malta)

Nhar il-Ħadd, it-22 ta' Mejju 2005 bejn is-6.30 p.m. u d-9.30 p.m. minn Triq il-Kulleġġ minn kantuniera ma' Triq Konti Ruġġieru sal-Knisja ta' San Pawl.

Vetturi li jinsabu jiksru dan l-avviż, jistgħu jiġu rmunkati.

It-13 ta' Mejju, 2005

POLICE NOTICE

No. 36

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of legal notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the date and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the date and times indicated.

Rabat (Malta)

On Sunday, 22nd May 2005 between 6.30 p.m. and 9.30 p.m. through Triq il-Kulleġġ from corner with Triq Konti Ruġġieru to St Paul's Church.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

13th May, 2005

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 37

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġ u twaqqif ta' vetturi tas-sewqan huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Munxar

Nhar il-Ħadd, it-22 ta' Mejju 2005, mit-8.30 p.m. sad-9.30 p.m. minn Triq Marziena.

Nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Mejju 2005, mis-6.30 p.m. sa nofsillejl mill-Pjazza tal-Knisja.

Nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Mejju 2005, mit-8.00 p.m. sad-9.30 p.m. minn Triq Marziena.

Nhar is-Sibt, it-28 ta' Mejju 2005, mis-7.30 a.m. sad-8.45 a.m., mis-6.00 p.m. sas-7.30 p.m. u mid-9.00 p.m. sal-11.30 p.m. minn Triq Marziena.

POLICE NOTICE

No. 37

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited and will be suspended on the dates and times indicated hereunder.

Munxar

On Sunday, 22nd May 2005, from 8.30 p.m. to 9.30 p.m. through Triq Marziena.

On Friday, 27th May 2005, from 6.30 p.m. to midnight through Pjazza tal-Knisja.

On Friday, 27th May 2005, from 8.00 p.m. to 9.30 p.m. through Triq Marziena.

On Saturday, 28th May 2005, from 7.30 a.m. to 8.45 a.m., from 6.00 p.m. to 7.30 p.m. and from 9.00 p.m. to 11.30 p.m. through Triq Marziena.

Nhar is-Sibt, it-28 ta' Mejju 2005, mid-9.00 a.m. sa nofsillejl mill-Pjazza tal-Knisja.

Nhar is-Sibt, it-28 ta' Mejju 2005, mid-9.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: il-Munxar, Ġużè Aquilina, il-Madonna tal-Karmnu, Dun Spir Gauci, ta' Rinota u Tarsu.

Nhar il-Ħadd, id-29 ta' Mejju 2005, mit-8.30 a.m. sad-9.30 a.m., mill-11.30 a.m. san-12.30 p.m. u mis-6.30 p.m. sal-11.30 p.m. minn Triq Marziena.

Nhar il-Ħadd, id-29 ta' Mejju 2005, mill-5.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Pjazza tal-Knisja, San Pawl, it-12 ta' Diċembru, il-Madonna tal-Karmnu, Dun Spir Gauci, ta' Rinota u Tarsu.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba hemm jiġu rmunkati.

It-13 ta' Mejju, 2005

On Saturday, 28th May 2005, from 9.00 a.m. to midnight through Pjazza tal-Knisja.

On Saturday, 28th May 2005, from 9.00 p.m. to midnight through the following streets: il-Munxar, Ġużè Aquilina, il-Madonna tal-Karmnu, Dun Spir Gauci, ta' Rinota and Tarsu.

On Sunday, 29th May 2005, from 8.30 a.m. to 9.30 a.m., from 11.30 a.m. to 12.30 p.m. and from 6.30 p.m. to 11.30 p.m. through Triq Marziena.

On Sunday, 29th May 2005, from 5.00 p.m. to midnight through the following streets: Pjazza tal-Knisja, San Pawl, it-12 ta' Diċembru, il-Madonna tal-Karmnu, Dun Spir Gauci, ta' Rinota and Tarsu.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is prohibited and vehicles found there shall be towed.

13th May, 2005

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 38

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-data u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Il-Ħamrun

Nhar is-Sibt, l-14 ta' Mejju 2005 mis-7.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: il-Kanun, il-Kbira San Ġużepp, Schembri u Mile End.

Vetturi li jinsabu jiksru dan l-avviż, jistgħu jiġu rmunkati.

It-13 ta' Mejju, 2005

POLICE NOTICE

No. 38

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of legal notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the date and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit or stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the date and times indicated.

Ħamrun

On Saturday, 14th May 2005 from 7.00 p.m. till midnight through the following streets: il-Kanun, il-Kbira San Ġużepp, Schembri and Mile End.

Vehicles found in contravention of this notice, are liable to be towed.

13th May, 2005

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 24 ta' l-2005

Żoni Riservati għall-Għawwiema

Id-Direttur Eżekuttiv (Portijiet) jgħarraf lis-sidien kollha ta' ingenji tal-baħar illi skond ir-Regolamenti ta' 1-1975 dwar l-Irmiġġar u skond artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352) huwa pprojbit li inġenji tal-baħar bil-mutur jew dgħajjes tal-qlugħ, inklużi *windsurfers*, *surf-boards* jew *acqua-scooters,* ibaħħru fiż-Żoni definiti hawn taħt u li ġew riservati għall-Għawwiema bejn il-15 ta' Ġunju, 2005 u t-30 ta' Settembru, 2005. Minn naħa l-oħra *pedal boats*, kenuri u inġenji oħra żgħar li jimxu bl-imqadef u li m'humiex mgħammrin b'muturi jistgħu jużaw dawn l-inħawi kemm-il darba jittieħdu l-prekawzjonijiet neċessarji biex jiġu evitati tfixkil jew inċidenti lill-għawwiema, kif ukoll ħabtiet ma' inġenji oħra.Madankollu, xi dgħajjes li jkollhom permessi ta' rmiġġ f'dawn l-inħawi magħluqa għandhom jgħaddu b'attenzjoni kbira biex jevitaw inċidenti għall-għawwiema. Dawn iż-żoni huma mmarkati b'linja li tgħaqqad żewġ ponot murija b'bagi ta' kulur isfar jew aħmar imqiegħda f'distanza ta' 50 metru bejniethom, u l-linja tax-xatt intermedja bejn iż-żewġ ponot.

Il-bagi li jimmarkaw iż-żoni msemmija hawn taħt jistgħu jitħallew fil-pożizzjoni s-sena kollha.

Il-konfini taż-Żona ta' l-Għawwiema huma kif ġej:–

1. Il-Bajja tal-Qbajjar - Għawdex

irreferri għal *Chart* 1

Linja li tgħaqqad ponot 1_A (il-Lbiċ ta' l-iskal) ma' 1_B (taraġ) u l-linja tax-xatt intermedju mil-Lbiċ ta' din il-linja.

Ponot *Points*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude* (E)
1_A	36˚04'.62	14˚15'.12
1_B	36˚04'.60	14˚15'.20

Ir-Ramla - Għawdex

Linja li tgħaqqad ponot 1_C ma' 1_D u l-linja tax-xatt intermedju min-Nofsinhar ta' din il-linja.

Ponot *Points*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude* (E)
1_C	36˚03'.75	14˚16'.84
1_D	36˚03'.79	14˚17'.22

Il-Bajja ta' San Blas - Għawdex

Linja li tgħaqqad ponot 1_e ma' 1_F u l-linja tax-xatt intermedju mil-Lbiċ ta' din il-linja.

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 24 of 2005

Zones reserved for Swimmers

The Executive Director (Ports) notifies all owners of sea craft that in terms of the Berthing Regulations 1975 and in terms of section 7 of the Malta Maritime Authority Act (Cap. 352), it is prohibited to navigate mechanically propelled sea craft or sailing boats including wind surfers, surf-boards and acqua-scooters in the Zones defined below reserved for Swimmers between 15th June, 2005 and the 30th September, 2005. On the other hand, pedal boats, canoes and other small craft propelled by oars and not equipped with motors may use these areas on condition that all necessary precautions are taken to avoid disturbances or accidents to swimmers, as well as collisions with other craft. However, any boats that have mooring permits within the enclosed areas are to proceed with extreme caution to avoid accidents to swimmers. These zones are delineated by a line joining two points, indicated by yellow or red coloured buoys deployed at 50 metres interval, and the intermediate coast line between the points.

The marker buoys of the below-mentioned zones may remain in position all year round.

The boundaries of these Swimmers' Zone are as follows:–

1. Il-Bajja tal-Qbajjar - Gozo

refer to Chart 1

Line joining points 1_A (SW of slipway) and 1_B (steps) and the intermediate coast line to the South West of this line.

Ponot *Points*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude* (E)
1_A	36˚04'.62	14˚15'.12
1_B	36˚04'.60	14˚15'.20

Ir-Ramla - Gozo

Line joining points 1_C and 1_D and the intermediate coastline to the South of this line.

Ponot *Points*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude* (E)
1_C	36˚03'.75	14˚16'.84
1_D	36˚03'.79	14˚17'.22

Il-Bajja ta' San Blas - Gozo

Line joining points 1_E and 1_F and the intermediate coastline to the South West of this line.

Ponot *Points*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude* (E)
1_E	36˚03'.47	14˚18'.00
1_F	36˚03'.44	14˚18'.10

2. Ir-Ramla tal-Mixquqa (Golden Sands)
irreferi għal *Chart* 2

Linja li tgħaqqad ponot 2_A ma' 2_B u l-linja tax-xatt intermedju mill-Grigal ta' din il-linja.

Ponot *Points*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude* (E)
2_A	35˚56'.07	14˚20'.43
2_B	35˚55'.90	14˚20'.58

Ir-Ramla ta' Għajn Tuffieħa

Linja li tgħaqqad ponot 2_C ma' 2_D u l-linja tax-xatt intermedju mix-Xlokk ta' din il-linja.

Ponot *Points*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude* (E)
2_C	35˚55'.83	14˚20'.62
2_D	35˚55'.72	14˚20'.50

3. Il-Bajja tal-Mellieħa
irreferi għal *Chart* 3

Linja li tgħaqqad ponot 3_A ma' 3_B u l-linja tax-xatt intermedju mil-Lbiċ ta' din il-linja.

Ponot *Points*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude* (E)
3_A	35˚58'.45	14˚21'.06
3_B	35˚57'.97	14˚21'.31

Il-Bajja ta' l-Imġiebaħ

Linja li tgħaqqad ponot 3_C ma' 3_D u l-linja tax-xatt intermedju min-Nofsinhar ta' din il-linja.

Ponot *Points*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude* (E)
3_C	35˚58'.13	14˚22'.84
3_D	35˚58'.13	14˚23'.02

4. Il-Bajja taċ-Ċirkewwa (Paradise Bay)
irreferi għal *Chart* 4

Linja li tgħaqqad ponot 4_A ma' 4_B u l-linja tax-xatt

2. Ir-Ramla tal-Mixquqa (Golden Sands)
refer to Chart 2

Line joining points 2_A and 2_B and the intermediate coastline to the North East of this line.

Ir-Ramla ta' Għajn Tuffieħa

Line joining points 2_C and 2_D and the intermediate coastline to the South East of this line.

3. Il-Bajja tal-Mellieħa
refer to Chart 3

Line joining points 3_A and 3_B and the intermediate coastline to the South West of this line.

Il-Bajja ta' l-Imġiebaħ

Line joining points 3_C and 3_D and the intermediate coastline to the South of this line.

4. Il-Bajja taċ-Ċirkewwa (Paradise Bay)
refer to Chart 4

Line joining points 4_A and 4_B and the intermediate coastline

intermedju min-Nofsinhar ta' din il-linja.

Ponot *Points*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude* (E)
4_A	35˚58'.96	14˚19'.87
4_B	35˚58'.97	14˚19'.97

5. Il-Bajja ta' San Pawl (Għajn Rażul - Veċċa *Breakwater*)

irreferi għal *Chart* 5

Linja li tgħaqqad ponot 5_A, 5_B, 5_C, 5_D u l-linja tax-xatt intermedju.

Ponot *Points*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude* (E)
5_A	35˚56'.83	14˚23'.41
5_B	35˚56'.92	14˚23'.45
5_C	35˚56'.95	14˚23'.56
5_D	35˚56'.91	14˚23'.59

Il-Bajja ta' San Pawl (Għażżelin)

Linja li tgħaqqad ponot 5_E, 5_F, 5_G, 5_H u l-linja tax-xatt intermedju.

Ponot *Points*	Latitude (N) *Latitude (N)*	Longitude (E) *Longitude* (E)
5_E	35˚57'.04	14˚23'.59
5_F	35˚57'.07	14˚24'.08
5_G	35˚57'.03	14˚24'.31
5_H	35˚57'.01	14˚24'.40

6. Il-Bajja ta' Marsalforn - Għawdex

irreferi għal *Chart* 6

Linja li tgħaqqad ponot 6_A, 6_B u 6_C u l-linja tax-xatt intermedju ta' din il-linja.

Ponot *Points*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude* (E)
6_A	36˚04'.47	14˚15'.51
6_B	36˚04'.32	14˚15'.52
6_C	36˚04'.33	14˚15'.62

7. Il-Bajja ta' Ħondoq ir-Rummien - Għawdex

irreferi għal *Chart* 7

Linja li tgħaqqad ponot 7_A, 7_B u l-linja tax-xatt intermedju.

Ponot *Points*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude* (E)
7_A	36˚01'.67	14˚19'.36
7_B	36˚01'.63	14˚19'.34

to the South of this line.

5. Il-Bajja ta' San Pawl (Għajn Rażul - Veċċa Breakwater)

refer to Chart 5

Line joining points 5_A, 5_B, 5_C, 5_D and the intermediate coastline.

Il-Bajja ta' San Pawl (Għażżelin)

Line joining points 5_E, 5_F, 5_G, 5_H and the intermediate coastline.

6. Il-Bajja ta' Marsalforn - Gozo

refer to Chart 6

Line joining points 6_A, 6_B, and 6_C and the intermediate coastline of this line.

7. Il-Bajja ta' Ħondoq ir-Rummien - Gozo

refer to Chart 7

Line joining points 7_A, 7_B and the intermediate coastline.

Il-baħħara huma mwissija li se jkun hemm *wire* li jinżamm fil-wiċċ bis-sufri li jgħaqqdu dawn il-ponot. Il-*wirerope* jista' jitqiegħed/jitneħħa ġimgħatejn qabel/wara d-data stipulata.

Il-Bajja ta' San Niklaw - Kemmuna

Linja li tgħaqqad ponot 7_C, 7_D, 7_E,u l-linja tax-xatt intermedju mix-Xlokk ta' din il-linja.

Ponot *Points*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude* (E)
7_C	36˚01'.01	14˚19'.75
7_D	36˚00'.94	14˚19'.77
7_E	36˚00'.94	14˚19'.82

Il-baħħara huma mwissija li se jkun hemm *wire* li jinżamm fil-wiċċ bis-sufri li jgħaqqdu dawn il-ponot. Se jitħalla passaġġ għal *paddle boats,* kenuri u inġenji oħra żgħar li jimxu bl-imqadef. Il-*wirerope* jista' jitqiegħed/jitneħħa ġimgħatejn qabel/wara d-data stipulata.

Il-Bajja ta' Santa Marija, Kemmuna

Linja immaġinarja li tgħaqqad il-ponta 7_F, 7_G u x-xatt intermedju min-Nofsinhar ta' din il-linja. (Il-kantuniera min-naħa tal-Grigal ta' l-Għassa tal-Pulizija sa l-iskal fin-naħa tal-Lvant tal-bajja).

Ponot *Points*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude* (E)
7_F	36˚01'.00	14˚20'.18
7_G	36˚00'.99	14˚20'.26

8. Il-Bajja tax-Xlendi

irreferi għal *Chart* 8

Il-konfini ta' din iż-żona għall-għawwiema fix-Xlendi huwa *wire-rope* bejn il-punti 8_A (fuq il-moll) u 8_B (ħdejn Churchill Bar) u x-xatt intermedju. Il-*wire-rope* huwa miżmum minn erba' bagi, ħomor u sofor, erba' metri bogħod minn xulxin. Il-*wire-rope* jistgħa jitqiegħed/jitneħħa ġimgħatejn qabel/wara d-dati stipulati.

Ponot *Points*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude* (E)
8_A	36˚01'.83	14˚13'.01
8_B	36˚01'.84	14˚12'.99

B'żieda ma' dan, linja rettangolari li tgħaqqad il-pożizzjonijiet li ġejjin u x-xatt intermedju juru żona oħra.

Mariners are warned that a wire will be kept afloat by floats connecting these points. The wirerope may be placed/removed two weeks before/after the stipulated date.

Il-Bajja ta' San Niklaw - Comino

Line joining points 7_C, 7_D, 7_E, and the intermediate coastline to the South East of this line.

Mariners are warned that a wire will be kept afloat by floats connecting these points. A passage way will be left apart for paddle boats, canoes and boats with oars. The wire rope may be placed/removed two weeks before/after the stipulated date.

Il-Bajja ta' Santa Marija, Comino

Imaginary line joining points 7_F, 7_G and the intermediate coastline to the South of this line. (North East corner of Police Station to the slipway on the Eastern part of the bay).

8. Il-Bajja tax-Xlendi

refer to Chart 8

The boundary of this swimmer zone in Xlendi is a wire rope between points 8_A (on jetty) and 8_B (near Churchill Bar) and the intermediate coastline. The wire rope is supported by groups of four buoys, red and yellow in colour, four metres apart. The wire rope may be placed/removed two weeks before/after the stipulated dates.

Furthermore, a rectangular line joining the following positions and the intermediate coastline delineates another zone.

Ponot *Points*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude* (E)
8_C	36˚01'.75	14˚12'.90
8_D	36˚01'.77	14˚12'.90
8_E	36˚01'.79	14˚13'.00
8_F	36˚01'.78	14˚13'.01

9. Il-Bajja ta' Birżebbuġa

irreferi għal *Chart* 9

Linja ta' tgħaqqad il-ponot minn 9_A (l-aktar part lejn in-Nofsinhar tal-moll tal-*breakwater*), 9_B, 9_C (l-aktar part lejn ix-Xlokk tal-*water polo pitch*) u x-xatt intermedju.

Ponot *Points*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude* (E)
9_A	35˚49'.42	14˚31'.77
9_B	35˚49'.42	14˚31'.84
9_C	35˚49'.59	14˚31'.85

10. Ix-Xatt ta' Spinola

irreferi għal *Chart* 10

Linja rettangolari li tgħaqqad ponot 10_A, 10_B, 10_C, 10_D u l-linja tax-xatt intermedju.

Ponot *Points*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude* (E)
10_A	35˚55'.08	14˚29'.57
10_B	35˚55'.09	14˚29'.58
10_C	35˚55'.04	14˚29'.65
10_D	35˚55'.02	14˚29'.62

B'żieda ma' dan, l-inħawi delineati b'linja li tgħaqqad il-ponot 10_E, 10_F, 10_G, 10_H, 10_i u l-linja tax-xatt intermedju.

Ponot *Points*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude* (E)
10_E	35˚54'.96	14˚29'.86
10_F	35˚54'.97	14˚29'.82
10_G	35˚55'.08	14˚29'.83
10_H	35˚55'.13	14˚29'.87
10_i	35˚55'.11	14˚29'.91

San Ġorġ Bay

Linja li tgħaqqad il-ponot 10_j u 10_K u l-linja tax-xatt intermedju.

Ponot *Points*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude* (E)
10_J	35˚55'.595	14˚29'.290
10_K	35˚55'.533	14˚29'.350

9. Il-Bajja ta' Birżebbuġa

refer to Chart 9

Line joining points from 9_A (southern most part of breakwater jetty), 9_B, 9_C (the south east part of the water polo pitch) and the intermediate coastline.

Ponot *Points*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude* (E)
9_A	35˚49'.42	14˚31'.77
9_B	35˚49'.42	14˚31'.84
9_C	35˚49'.59	14˚31'.85

10. Ix-Xatt ta' Spinola

refer to Chart 10

A rectangular line joining points 10_A, 10_B, 10_C, 10_D and the intermediate coastline.

Ponot *Points*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude* (E)
10_A	35˚55'.08	14˚29'.57
10_B	35˚55'.09	14˚29'.58
10_C	35˚55'.04	14˚29'.65
10_D	35˚55'.02	14˚29'.62

Furthermore, the area delineated by a line joining points 10_E, 10_F, 10_G, 10_H, 10_i and the intermediate coastline.

Ponot *Points*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude* (E)
10_E	35˚54'.96	14˚29'.86
10_F	35˚54'.97	14˚29'.82
10_G	35˚55'.08	14˚29'.83
10_H	35˚55'.13	14˚29'.87
10_i	35˚55'.11	14˚29'.91

Il-Bajja ta' San Ġorġ

Line joining points 10_j and 10_K and the intermediate coastline to the South East of this line.

Ponot *Points*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude* (E)
10_J	35˚55'.595	14˚29'.290
10_K	35˚55'.533	14˚29'.350

11. Mġarr ix-Xini - Għawdex

irreferi għal *Chart* 11

Linja li tgħaqqad il-ponot 11_A, 11_B u 11_c u l-linja tax-xatt intermedju mill-Punent ta' dawn il-linji.

Ponot *Points*	Latitude (T) *Latitude (N)*	Longitude (L) *Longitude* (E)
11_A	36˚01'.22	14˚16'.29
11_B	36˚01'.20	14˚16'.30
11_C	36˚01'.18	14˚16'.29

12. Il-Bajja ta' Marsascala

irreferi għal *Chart* 12

Linja li tgħaqqad il-ponot 12_A u 12_B u l-linja tax-xatt intermedju mit-Tramuntana ta' din il-linja.

